**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 21/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg u Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Joseph Zahra**
**(ID 303188(M))**

**Illum: 27 ta' Ġunju, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Zahra** ta' 23 sena, bin Emanuel u Jane nee` Caruana, imwieled il-Pieta` nhar id-29 ta' Ġunju 1988, residenti 88, Triq il-Gandoffla, Birżebbuġa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 303188(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-16 ta' April 2012, kif ukoll f'dawn l-aħħar ħmistax-il ġurnata ta' qabel din id-data, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubbliku, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. Talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni fl-14 ta' Jannar 2013;

Rat ukoll illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Mejju 2019, li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tad-difiża sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga[2];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat:

1. **L-Ispettur Kylie Borg** tixhed fuq l-informazzjoni li ngħatat u dan fis-sens illi nhar is-17 ta' April 2012, filwaqt illi pulizija mill-Għassa tal-Belt kienu qed jagħmlu ronda fl-akkwati ta' Albert Town ġewwa l-Marsa, huma nnutaw persuna maskili li kienet qed tagħmel użu minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAU 219. Tgħid ukoll illi hija ġiet infurmata illi wara li waqqfu l-vettura, stante illi raw lix-xufier jaġixxi b'mod suspettuż, għamlu tfittxija fiha, fejn instabet borża żgħira tal-plastik kontenenti sustanza bajda fil-*glove compartment* u borża tal-plastik oħra li fiha kellha erba' boroż żgħar, li wkoll kienu jikkontjenu sustanza bajda. Din il-borża nstabet fl-*ashtray* tal-vettura. Tgħid in oltre illi hija ordnat l-arrest tal-imputat. L-imputat irrilaxxja stqarrija[3] u dan wara li għażel li ma jeżerċitax il-jedd li jottjeni parir legali[4]. Ix-xhud imbagħad tirreferi għal dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu u tikkonferma wkoll illi s-sustanza elevata,

[1] Ara a fol. 4 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 76 sa 78 tal-proċess.
[3] Din tinsab esebita bħala Dok. KB 2, a fol. 17 sa 19 tal-proċess.
[4] Ara d-dikjarazzjoni tal-imputat a fol. 16 tal-proċess, esebita bħala Dok. KB 1.

esebita bħala Dok. KB, kienet diġa` ġiet esebita minnha f'seduta preċedenti[5].[6]

2. **PS 1393 Kurt Ryan Farrugia** jixhed illi nhar is-17 ta' April 2012, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, hu flimkien ma' PS 343 Glenn Carabott u WPS 250 Amanda Buns, kienu għaddejjin minn Albert Town, fil-Marsa meta raw Ford Fiesta bajda, bin-numru ta' reġistrazzjoni LAU 219, li dehret suspettuża. Għalhekk waqqfu l-vettura u sabu li x-xufier, ċertu Joseph Zahra, kien fi stat aġitat. Matul it-tfittxija fil-vettura, instabu erba' *sachets*, fuq quddiem. Fi triq lejn l-Għassa tal-Belt, huwa staqsa lill-imputat jekk kellux iżjed sustanza u għalkemm għall-ewwel wieġeb li ma kellux, wara qallu li kellu iżjed fil-*glove compartment*, fejn fil-fatt kien hemm pakkett, li skont ix-xhud, kien moħbi f'kalzetti. Jgħid ukoll illi huwa għadda kollox lill-Ispettur Kylie Borg.[7]

3. **L-Ispettur** (illum Supretendent) **Malcolm Bondin** esebixxa żewġ sentenzi – Dok. MB u Dok. MB 1.[8]

Illi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2015, ġie vverbalizzat hekk:

> "Dr Victor Bugeja jiddikjara illi m'hemmx il-htiega li jinhatar espert sabiex janalizza s-sustanza esebita bħala Dok. KB. Id-difiza taqbel li effettivament din hija mephedrone".[9]

Illi da parti tagħha d-difiża talbet li jiġi redatt *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema rapport ġie esebit mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Formosa fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2016.[10]

**L-imputat** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa jixhed dwar it-trobbija diffiċli li huwa kellu, li kienu jaqbduh ħafna dwejjaq u li qabad joħroġ biex jipprova jinsa, u beda jmiss id-droga ossia l-*meow meow*. Kien jużaha fil-*weekend* dejjem u qisu darbtejn fil-ġimgħa, meta jkun imdejjaq; skont hu beda juża d-droga meta kellu 17 jew 18-il sena. Eventwalment, ħuh miet bid-droga u beża' li jiġrilu l-istess u mbagħad, ġie arrestat mill-pulizija in konnessjoni ma' dan il-każ. Jgħid illi ħuh miet xi sitta jew seba' snin qabel ix-xhieda tiegħu,[11] u illi meta miet ħuh beda jnaqqas mill-użu tad-droga. Dwar id-droga li nstabet fil-pussess tiegħu, mistoqsi mill-avukat difensur dwar dak li kien qal lill-pulizija, ossia skont l-istess

[5] Ara l-verbal, a fol. 9 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 13 sa 15 tal-proċess.
[7] Ara din ix-xhieda a fol. 24 sa 26 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 28 sa 35 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 36 tal-proċess.
[10] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 45 *et seq* tal-proċess.
[11] L-imputat xehed fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2017.

avukat difensur, illi huwa ġieli għadda xi ħaġa lil ħaddieħor, huwa jwieġeb "*Ghall-uzu tieghi imma. Habba l-uzu tieghi dawn*"[12] u mistoqsi għal darb'oħra mill-avukat difensur "*Jigifieri l-pilloli kont tehodhom inti ghidtilna. Imma ghaliex ghaddejt xi haga lil xi hadd iehor? Spjega, ghall-uzu tieghek kif?*", l-imputat iwieġeb "*Biex ikolli jien*".[13] L-imputat jixhed ukoll illi llum il-ġurnata ħajtu nbidlet, li kien f'relazzjoni stabbli, li għandu tifla ta' seba' xhur u illi għandu mpjieg u li baqax jagħmel użu mid-droga minn meta ġie mwaqqaf mill-pulizija. Jgħid in oltre illi waqaf waħdu minn dan l-użu u ma ħax għajnuna, stante illi ddeċieda li ma riedx jgħaddi minn dak li għadda ħuh u ried ibiddel ħajtu. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien huwa kien jieħu xi ħames jew seba' grammi fil-ġimgħa.

**In kontro-eżami** huwa jgħid illi kien iħallat il-*meow* max-xorb, illi fiż-żmien tal-każ odjern huwa kien jaħdem fil-kostruzzjoni, illi dak iż-żmien kien jaqla' l-paga u jonfoqha fid-droga, u illi kien jaqla' madwar tlett mitt ewro fil-ġimgħa.[14]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti qed tqis bħala inammissibbli l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar is-17 ta' April 2012, wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx, iżda mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju u dan stante li fiż-żmien mertu tal-każ dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **<u>Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **<u>Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **<u>Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Huwa evidenti illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehdet l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tal-mediċina psikotropika u ristretta (*mephedrone*), f'tali ċirkostanzi li juru li din

---

[12] Ara a fol. 63 tal-proċess.
[13] A fol. 63 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 57 sa 68 tal-proċess.

ma kintix intiża għall-użu esklussiv tiegħu u għalhekk bil-pussess aggravat tal-istess droga.

Jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni – u hawnhekk il-Qorti tinnota illi għalkemm iċ-ċitazzjoni odjerna tirreferi għas-16 ta' April 2012 u PS 1393 Kurt Ryan Farrugia jindika bħala d-data tal-akkadut is-17 ta' April 2012, huwa jgħid ukoll illi dan seħħ għall-ħabta ta' nofs il-lejl u għalhekk fil-parametri taċ-ċitazzjoni kif redatta – l-imputat instab fil-pussess ta' erba' boroż li kienu jikkontjenu sustanza u dan fl-*ashtray* tal-vettura li kien qed isuq u borża oħra, li wkoll kienet tikkontjeni din is-sustanza, fil-*glove compartment*. B'kollox għalhekk l-imputat kellu fil-pussess tiegħu ħames boroż, li fit-termini tal-verbal tat-30 ta' Ottubru 2015 fuq ċitat, id-difiża aċċettat li kienu jikkontjenu l-mediċina psikotropika u ristretta *mephedrone*. M'hemmx dubju għalhekk illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tal-istess mediċina psikotropika u ristretta.

Illi madankollu, mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll illi wara d-dikjarazzjoni tad-difiża fis-sens illi qablet illi s-sustanza esebita kienet fil-fatt *mephedrone*, il-Prosekuzzjoni ma baqgħetx tinsisti li ssir l-analizi tas-sustanza esebita u għaddiet sabiex tagħlaq il-provi tagħha. Dan ifisser illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax x'kien il-piż totali tad-droga li kellu l-imputat fil-pussess tiegħu u l-piż ta' kull borża u kif id-droga kienet maqsuma f'kull pakkett, b'dan għalhekk illi la darba skartata l-istqarrija tal-imputat, u fin-nuqqas ta' provi oħrajn li jsostnu l-ewwel imputazzjoni fis-sens illi d-droga fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu, il-Qorti ma tistax tasal għal din il-konklużjoni, fil-grad rikjest mil-liġi, sempliċiment għaliex l-imputat kellu ħames boroż bis-sustanza *mephedrone* fil-pussess tiegħu. Irid jingħad ukoll illi fix-xhieda tiegħu, f'dawn il-proċeduri, apparti li jgħid illi huwa kien jagħmel użu mill-*mephedrone* fiż-żmien in kwistjoni, meta l-avukat difensur tiegħu stess jissuġġerilu illi huwa kien qal lill-pulizija li ġieli għadda xi ħaġa lil ħaddieħor, l-imputat iwieġeb "*Ghall-uzu tieghi imma. Habba l-uzu tieghi dawn*" u meta jerġa' jistaqsih għaliex għadda xi ħaġa lil ħaddieħor, u biex jispjega kif kienu għall-użu tiegħu, l-imputat iwieġeb "*Biex ikolli jien*", b'tali mod illi fil-fehma tal-Qorti, la darba skartata l-istqarrija tiegħu kif ingħad, u fin-nuqqas ta' domandi ulterjuri in kontro-eżami da parti tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jispjega f'iżjed dettal din il-parti tax-xhieda tiegħu, dawn ir-risposti ma jistgħux iwasslu għal konklużjoni univoka li s-sustanza in kwistjoni ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi jirriżulta ċar ir-reat ta' pussess tal-mediċina psikotropika u ristretta *mephedrone,* kompriż u involut fir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni u dan kemm b'referenza għall-jum in kwistjoni, kif ukoll fid-dawl tax-xhieda tal-istess imputat, b'referenza għall-ħmistax-il jum ta' qabel din id-data.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbagħad, l-imputat jinsab akkużat talli huwa reċidiv. In sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet żewġ sentenzi:

i. Waħda tal-20 ta' Mejju 2009, mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Stephen Micallef) vs Joseph Zahra', mil-liema jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-każ, inkluż in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern. Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza tirreferi għall-imputat tal-lum.

ii. Waħda tas-17 ta' Mejju 2007, mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Zahra', mil-liema jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-każ, inkluż in-numru tal-karta tal-identita`, huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern. Għaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza tirreferi prorpju għall-istess imputat.

Fir-rigward il-Qorti qed tqis madankollu illi baqgħet ma nġabitx il-prova mill-Prosekuzzjoni illi ma sar l-ebda appell minn dawn is-sentenzi, u illi dawn għaddew in ġudikat. Veru illi mill-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa April 2012 jirriżulta illi l-pieni pekunjarji li għalihom ġie kkundannat l-istess imputat bis-saħħa tas-sentenzi fuq indikati ġew imħallsa minnu, iżda l-Qorti ma tqisx illi din hija l-aħjar prova. Il-prova *semmai* illi s-sentenza hija waħda finali o meno u jekk piena pekunjarja ġietx skontanta ossia ġietx imħallsa jew altrimenti konvertita fi priġunerija għandha ssir tramite r-Reġistratur tal-Qorti u/jew rappreżentant tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, skont il-każ. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat:**

Għal fini ta' piena dwar ir-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa April 2012[15], mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' reati kontra r-regolamenti tat-traffiku u taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ħsara involontarja, dwar liema huwa ġie kkundannat għal pieni pekunjarji u sospenzjoni tal-liċenzja tas-sewqan.

Qieset ukoll in-natura tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ, u illi miż-żmien tal-każ odjern, kif jirriżulta wkoll mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-istess imputat, jidher illi huwa qabad it-triq it-tajba u qed jgħix ħajja stabbli, il-bogħod mid-droga.

[15] Mill-fedina penali annessa mas-*Social Inquiry Report* li tidher aġġornata sa Marzu 2016, jirriżulta illi din baqgħet l-istess.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, qed issib lill-imputat **Joseph Zahra** mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u tat-tieni imputazzjoni u qed tilliberah minnhom, b'dan illi qed issibu ħati tar-reat ta' pussess tal-mediċina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) kompriż u nvolut fl-ewwel imputazzjoni, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. KB hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat